31 ta' Ottubru, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Vincenzo Attard *versus* Michelina Agius et.

**Eredità — Likwidazzjoni — Testment "Unica Charta" — Serviġi — Legat Rimuneratorju — Art. 641 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-legat rimuneratorju huwa ħlas ta' dejn, ammenokkè ma jirriżultax li t-testatur ma kellux raġuni tajba biex iħalli dak il-legat u li dan ikun intiż minflok liberalità u biex jeludi u jiddefrawda d-drittijiet ta' l-eredi jew tat-terzi. B'mod li dak il-legat ma jaqax taħt id-dispożizzjoni tal-liġi li tivvjeta lit-testatur li jħalli lit-tfal tat-tieni żwieġ aktar minn dak li jkun ser imissu l-anqas favorit fost it-tfal ta' l-ewwel żwieġ. U għalhekk il-Qorti għandha dejjem il-poter li tara jekk il-legat huwiex proporzjonat għas-serviġi prestati mil-legatarju.*

*U l-Qrati Tagħna rritenew li l-kontestatur f'testment "unica charta" jista' jagħmel legat rimuneratorju b'testment partikulari tiegħu mingħajr ma jiddekadi mill-benefiċċi lilu derivanti mit-testment.*

*Ma hemm xejn kontra l-liġi biex dana l-eżami jsir fl-istess kawża li jkollha bħala oġġett il-likwidazzjoni tal-wirt; anzi ma hux xieraq li l-provi biex jiġi stabbilit jekk il-kumpens imħolli bil-legat rimuneratorju kienx dovut, u jekk il-kumpens imħolli huwiex proporzjonat għas-serviġi, isiru f'kawża oħra.*

*Fil-ġudizzji "familiae erciscundae" jidħlu l-kwistjonijiet kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-wirt; u dana sal-punt li m'humiex permessi proċedimenti separati, lanqas preambuli jew preparatorji, fuq sustanzi komponenti l-istess wirt.*

Il-Qorti. — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur li biha, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u jingħataw il-provvedimenti kollha meħtieġa, peress li fid-9 ta' Lulju 1943 mietet Paola armla ta' Salvatore Agius u ġa armla ta' Giuseppe Attard, imwielda Deguara (dok. A); u peress li l-imsemmija Paola Agius kellha tlitt itfal mill-ewwel żwieġ, ċjoè l-attur Vincenzo, il-mejjet Paolo u l-mejta Rosina ġa mart Giovanni Micallef, aħwa Attard, u erbat itfal mit-tieni żwieġ, ċjoè Michelina, Anna mart Giuseppe Gauci, il-mejjet Angelo u l-mejjet Giuseppe, aħwa Agius; u peress li Giuseppe Attard, l-ewwel raġel ta' l-imsemmija Paola Agius, miet fil-21 ta' Marzu 1886 (dok. B) mingħajr testment; u peress li Sal-

vatore Agius, it-tieni raġel ta' l-imsemmija Paola Agius, miet fl-1 ta' Ġunju 1942 (dok. C) b'testment "unica charta" pubblikat fil-25 ta' Ottubru 1941 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Giuseppe Vella; u peress li Giuseppe Agius, bin il-mejta Salvatore u Paola ġa miżżewġin Agius, miet fit-23 ta' Diċembru 1939, mingħajr tfal (dok. D), b'testment publikat fis-16 ta' Diċembru 1939 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Giuseppe Vella (dok. E); u peress li Salvatore Agius istitwixxa eredi proprjetarji universali tiegħu f'żewġ terzi indiviżi kull wieħed minn uliedu, ċjoè Michelina u Anna Gauci, u f'terz ieħor in-neputijiet Lucia u Paolina wlied il-mejjet Angelo (dok. F); u peress li bis-saħħa ta' l-istess testment l-imsemmija Paola Agius, armla ta' Giuseppe Attard, istitwiet bħala eredi proprjetarji universali tagħha, fi kwoti ugwali bejniethom, lil uliedha Michelina, Anna Gauci, Vincenzo, f'sest indiviż kull wieħed, u t-tfal tal-mejta bintha Rosina, ċjoè Marianna Mattocks, Paolo, Giorgia, Giuseppe, Geraldo, Carmela Burgess, Melita Gallagher, f'sest indiviż ieħor, it-tfal tal-mejjet binha Paolo, ċjoè Salvatore, Paola Pisani, u Cataldo, f'sest ieħor, u t-tfal tal-mejjet Angelo, ċjoè Lucia u Paolina, f'sest indiviż ieħor; u peress li b'titolu ta' legat it-testaturi ħallew lil Michelina r-remissa u l-gorboġ, kompriża l-bitħa ta' quddiem l-istess remissa, li jiffurmaw parti mil-lok ta' bini li jiegħed l-Imtarfa, Imtarfa Road, Sqaq I, bieb numru 4, u l-effetti mobili kollha, kompriżi l-annimali u l-oġġetti tad-deheb li jkunu jinsabu wara l-mewt tas-superstiti fost it-testaturi fil-lok ta' l-abitazzjoni tagħhom, u dan biex jirrikompensawha tal-kuri u tas-serviġi li hija pprestatilhom, u taħt il-patt li tkun tibqa' tieħu ħsiebhom sa l-aħħar ta' ħajjithom; u peress li l-imsemmija Paola Agius b'testment ieħor magħmul fit-18 ta' Ġunju 1943 fl-atti ta' l-istess Nutar (dok. G), biddlet l-ewwel testment, fis-sens illi ordnat illi l-kwota mill-assi tagħha li tmiss lil binha Vincenzo Attard mill-ewwel żwieġ għandu jeħodha flus kontanti, b'mod illi huwa ebda dritt ma jkollu fuq mobili jew immobili, iżda jkollu dritt biss għall-valur tal-kwota li kienet tkun tispetta lilu mill-istess mobili u immobili bħala wieħed mill-eredi tagħha;

U peress li l-imsemmi Giuseppe Agius, bis-saħħa ta' l-imsemmi testment tas-16 ta' Diċembru 1939, iddispona biss

minn nofs mhux maqsum mix-char-a-banc, u l-permess rela tiv, jisimha "Yankee", bin-numru 2177, liema nofs indiviż ħallihulha taħt il-kondizzjonijiet imniżżla fit-testment, u ma istitwiex ebda eredi, u għalhekk il-werrieta tiegħu huma l-ġenituri tiegħu u ħutu skond il-liġi; u peress li l-attur Vincenzo Attard, bis-saħħa ta' żewġ kuntratti publikati fl-atti tan-Nutar Dottor Vincenzo Maria Pellegrini fil-11 ta' Mejju u fit-22 ta' Novembru 1940, xtara minn għand il-konvenuti Salvatore, Paola Pisani, u Cataldo aħwa Attard, u minn għand il-konvenuti Marianna Mattocks, Paolo, Giorgina, Giuseppe, Geraldo, Carmela Burgess u Melita Gallagher, aħwa Micallef, id-drittijiet kollha, għadhom illikwidi, li għandhom fuq l-eredità ta' nannithom Paola Agius (dok. H); u peress illi werrieta ta' Giuseppe Attard, billi ma għamelx testment, huma l-attur Vincenzo Attard f'terz indiviż, Salvatore, Paola Pisani u Cataldo Attard, f'terz indiviż ieħor in rappreżentanza ta' missierhom Paolo Attard, u f'terz ieħor Marianna Mattocks, Paolo, Giorgina, Giuseppe, Geraldo, Carmela Burgess u Melita Gallagher, in rappreżentanza ta' ommhom il-mejta Rosina Micallef (dok. J);

U peress li l-werrieta ta' Salvatore Agius huma l-konvenuti Michelina, f'terz indiviż, l-imsiefra Anna Gauci f'terz ieħor, u l-minorenni Lucia u Paolina, in rappreżentanza ta' missierhom il-mejjet Angelo, aħwa Agius; u peress illi werrieta ta' Paola Agius, omm komuni tal-kontendenti, huma Vincenzo Attard, Michelina Agius u Anna Gauci, f'sest kull wieħed, u nanniet l-oħra, ċjoè Salvatore, Paola Pisani u Cataldo aħwa Attard, f'sest ieħor Marianna Mattocks, Paolo, Giorgina, Giuseppe, Geraldo Carmela Burgess u Melita Gallagher, aħwa Micallef, f'sest ieħor, u Lucia u Paolina Agius f'sest ieħor, u dawn huma anki werrieta ta' Giuseppe Agius, ħuhom, fl-istess kwoti;

Talab:

1. Li jiġi firmat u likwidat l-assi soċjali konjugali ta' Giuseppe u Paola Deguara..........;

2. Li tiġi ordnata l-likwidazzjoni ta' l-assi partikulari ta' Giuseppe Attard..........;

3. Li jiġi firmat u likwidat l-assi soċjali u konjugali ta' Salvatore u Paola Agius..........;

4. Li jiġi firmat u likwidat l-assi partikulari ta' Salvatore Agius............;

5. Li jiġi firmat u likwidat l-assi partikulari ta' Paola armla l-ewwel minn Giuseppe Attard, u mbagħad minn Salvatore Agius............;

6. Li jiġi firmat u likwidat l-assi partikulari ta' Giuseppe Agius............;

7. Li jiġi aċċertat u assodat liema hija l-konsistenza tal-legat imħolli lill-konvenuta Michelina Agius minn Salvatore u Paola Agius, speċjalment in vista tad-dispożizzjoni ta' l-art. 302 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, u tal-legat imħolli lill-istess Michelina Agius, speċjalment in vista tal-fatt li l-legatarja biegħet ix-char-a-banc qabel iż-żmien stabbilit mit-testatur;

8. Li tiġi ordnata l-liċitazzjoni tal-beni immobili ta' l-assijiet imsemmija, fi-każ li jiġi ritenut illi ma humiex diviżibili komodament............;

9. Li jiġi nominat nutar............;

Salv kull dritt ieħor kompetenti lill-attur fuq il-wirt ta' Paola Agius, imwielda Deguara, u ta' Giuseppe Agius;

Bl-ispejjeż....................;

*Omissis*;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-perit legali, fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-23 ta' Diċembru 1948, u b'riferenza għas-seba' domanda taċ-ċitazzjoni, ikkonkluda li l-legat imħolli minn Salvatore u Paola ġà miżżewġin Agius lill-konvenuta Michelina Agius in forza ta' l-art. 4 tat-testment "unica charta" tal-25 ta' Ottubru 1941, ma għandu ebda valur legali in vista ta' l-art. 302 (Ordinanza VII ta' l-1868), il-lum 641 (Kodiċi Ċivili), u konsegwentement is-sustanzi hekk legati għandhom jidħlu fil-massa ereditarja għall-fini tal-likwidazzjoni u diviżjoni tal-wirt;

Illi l-Qorti, "rebus sic stantibus", u qabel ma jirriżulta jekk għall-ħlas tas-serviġi f'dak it-testment imsemmija l-legatarja kellhiex azzjoni skond il-liġi, u f'każ affermativ jekk is-sustanzi hekk legati humiex adegwati għar-rimunerazzjoni ta' dawk is-serviġi, ma tistax tiddikjara jekk hemmx vjolazzjoni jew le ta' l-imsemmi art. 641. Difatti, hu ormaj paċifiku li l-legat rimuneratorju hu ħlas ta' dejn, u ma jaqgħax per sè

taħt il-komminazzjoni ta' l-artikolu fuq riferit (Kollez. XXVIII—I—27), ammenokkè ma jirriżultax li t-testatur ma kellux raġuni tajba biex iħalli dak il-legat, u li dana kien intiż f'lok liberalità u biex jeludi l-liġi, jew jiddefrawda d-drittijiet ta' l-eredi jew tat-terzi (Kollez. XXVII—I—419). Konsegwentement id-dikjarazzjoni li għamel it-testatur li l-legat hu rimuneratorju, u l-kriterji tiegħu fid-determinazzjoni tal-kumpens, mhumiex insindakabili, u l-Qorti għandha dejjem il-poter li tara jekk il-legat huwiex sproporzjonat għas-serviġi prestati mil-legatarju (App. Civ. 15. 5. 1939 in re "Giuseppe Pirotta et. vs. Maria Preca et."). Kien fuq dana r-rifless li l-Qrati Tagħna rritenew li l-kontestatur f'testment "unica charta" jista' jħalli legat rimuneratorju mingħajr ma jiddekadi mill-benefiċċji lilu derivanti mit-testment (Kollez. XXIX —I—991);

Illi anki l-perit legali (fol. 188) jirrikonoxxi li jista' jkun hemm każi ġenwini u awtentiċi ta' serviġi magħmula lill-ġenituri mit-tfal tat-tieni jew ulterjuri żwieġ. Issa, kieku ma kienx permess legat rimuneratorju favur dawn l-ulied, dawn isibu ruħhom fin-neċessità li jitolbu kumpens bil-Qorti, bi preġudizzju, ħafna drabi, tant għalihom kemm għall-eredi istitwiti;

Illi ma jidherx li nġiebu provi dwar is-serviġi li talvolta rrendiet u kellha tirrendi skond it-testment il-konvenuta Michelina Agius (v. fol. 181 proċ.);

Illi ma hemm xejn kontra l-liġi biex dawna l-provi jsiru fil-kawża odjerna; anzi, peress li dina l-kawża għandha bħala oġġett tagħha, fost oħrajn, il-likwidazzjoni ta' l-assi soċjali konjugali ta' Salvatore u Paola ġa miżżewġin Agius, u l-assi partikulari rispettivi tagħhom, mhux xieraq li l-kumpens ta' l-imsemmijin serviġi, jekk hu dovut, jiġi stabbilit f'kawża oħra, u dana (1) għaliex il-likwidazzjoni ta' dan il-kumpens tinfluwixxi fuq il-likwidazzjoni ta' l-assijiet ġa msemmija, (2) għaliex dina l-kwistjoni tidħol fl-ambitu tas-seba' domanda, u b'riferenza għaliha l-perit legali rċieva inkariku speċifiku fid-digriet tan-nomina tal-4 ta' Ottubru 1946, u (3) għaliex fil-ġudizzji "familiae erciscundae", bħal ma hi l-kawża odjerna, jidħlu l-kwistjonijiet kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-wirt (Kollez. XXX—II—203, u XXI—I—19); u dana sal-punt

li mhumiex permessi proċeduri separati, lanqas preambuli jew preparatorji, fuq sustanzi komponenti l-istess wirt (Kollez. XXIX—I—1203);

Għal dawn ir-raġunijiet tirrimetti l-inkartament lill-perit legali, u, dejjem in riferenza għas-seba' domanda, tordna li jsiru l-provi relativi għall-kuri u serviġi msemmijin fl-art. 4 tat-testment fuq imsemmi tal-25 ta' Ottubru 1941; tordna lill-perit legali li jirrelata jekk il-legatarja Michelina Agius għandhiex azzjoni għall-ħlas tagħhom skond il-liġi, u f'każ affermativ jillikwida l-kumpens relativ; u dana bil-fakultajiet li kellu qabel;

Spejjeż riżervati;

Il-kawża tibqa' għat-13 ta' Diċembru 1952, għall-preżentazzjoni tar-rapport.